**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru, 2015**

**Rikors nru: 160/2015 MLF**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Samuel Gurjinyan**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, mitejn u disgha u sebghin Euro u hames centezmi (€5,279.05) bilanc ghad-debitu fil-"Consumer Loan Account" tieghu mas-socjeta attrici (Dok "A1 sa A2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-7 ta' Novembru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament, liema Loan giet moghtija lilu permezz ta' skrittura privata datata 12 ta' Jannar, 2009 (Dok "B").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok "B") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Samuel Gurijinyan (a) naqas milli ihallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu

dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Dicembru, 2014 (Dok "C") u tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, kontra l-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili, huwa ma deherx fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2015, ghalkemm gie msejjah tlett darbiet u lanqas ipprezenta risposta.

Fl-istess seduta tad-9 ta' Novembru 2015, Rose Cortis, legal officer tas-socjeta attrici ikkonfermat bil-gurament li mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur, u cioe, mill-5 ta' Gunju 2015, il-konvenut ma thallas xejn mill-ammont dovut imsemmi fl-istess rikors. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontestata, u din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn ma tamminx din ix-xhieda.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, mitejn u disgha u sebghin Euro u hames centezmi (€5,279.05) flimkien ma' l-imghax ulterjuri tas-7 ta' Novembru 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Dicembru, 2014 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mar-rikors promotur, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**